MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 565/2003/1

**Mario u Pauline mizzewgin Galea**

**vs**

**Tacsum Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Mejju, 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu illi s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas lill-atturi dik is-somma ta' flus li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala danni li jikkonsistu fi valur tal-oggetti propjeta' tal-atturi li hija kienet giet ikkundannata trodd lura lill-atturi

immedjatament in forza tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-8 ta' Mejju, 2002, fl-ismijiet "George Muscat nomine vs Mario u Pauline mizzewgin Galea et", liema oggetti baqghu ma gewx irritornati lill-atturi nonostante diversi talbiet bonarji mill-atturi;

Ghall-fini ta' kompetenza, gie dikjarat illi l-valur tad-danni ma jeccedux l-kompetenza ta' din il-Qorti, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat tas-Sekwestru Nru 2463/2003 kontra s-socjeta' konvenuta li baqghet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet :

1. Preliminarjament ir-res judicata stante li t-talbiet tal-atturi gia gew finalment decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, bis-sentenza indikata fl-avviz promotorju, stante li minn dik is-sentenza ma sar l-ebda appell;
2. Fit-tieni lok illi r-rimedju tal-attur jkkonsisti fl-ezekuzzjoni tas-sentenza indikata u mhux fil-prezentata ta' din l-kawza; Dik is-sentenza tghid fid-dettal dak li ghandu jsir u l-attur ma ghandu l-ebda dritt li jipproponi din il-kawza;
3. Fit-tielet lok illi l-eccipjent gie kanonizzat kreditur tal-atturi u ghadu ma thallasx l-import li l-istess atturi gew kundannati li jhallsu in konformita ta' l-istess sentenza.
4. Fir-raba' lok illi l-atturi iridu jipprovaw t-titolu taghhom anke in vista ta' dak dikjarat bil-gurament taghhom fil-kawza l-ohra.
5. Illi l-atturi ghandhom flimkien u solidament mal-kumpannija Wild Falcon Company Limited ihallsu ghall-istivar tal-oggetti in kwistjoni, liema hlas l-esponenti jirriservaw li jitolbu l-likwidazzjoni u hlas fi procedura separata.
6. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-process, inkluz it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta u l-verbal

fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-istess zewg eccezzjonijiet;

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenuti hija l-eccezzjoni tar-res judicata.

Illi l-eccezzjoni tal-gudikat tissemma fl-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12, bhala wahda li dwarha ghandha tinghata decizjoni b'kap ghaliha ukoll jekk tinqata flimkien mal-mertu fid-decizjoni finali.

Illi kif gie ritenut f'numru ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghet il-possibilita ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin, u li ittemm il-possibilita ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun inghatat.

Illi minhabba il-fatt li din l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha li tigi meqjusa mill-Qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun soggettata ghal interpretazzjoni kemm jista jkun dejqa, tant illi f'kaz ta' dubju il-gudikant jiddeciedi li jirrispingiha.

Illi, kif gie deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Edward Borg et vs Edward Bartlett et** fit-2 ta' Novembru, 2001, minn naha l-ohra dan il-principju, jigifieri illi din l-eccezzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni kemm jista jkun dejqa, huwa imwiezen bil-principju l-iehor daqstant ghaqli illi fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata s-sentenza issir irrevokabbli jekk wara li tigi appellata jew ritrattata tigi konfermata, jew jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-Ligi u ma issir l-ebda procedura ohra li tattakka dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza ikun diga tezisti meta tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Illi huwa maghruf illi l-elementi ta’ l-eccezzjoni tal-gudikat huma tlieta :

Illi s-sentenza ta’ qabel kienet moghtija f’kawza bejn l-istess persuni, fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (eadem personae, eadem res, eadem kawza petendi) bhal fil-kawza il-gdida (ara l-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Lilian Mallia fil-5 ta’ Ottubru 1998).

Stabbiliti dawn l-estremi, irid issa jigi deciz minn din il-Qorti jekk f’dan il-kaz jirrikorrux l-elementi kollha ta’ l-eccezzjoni kif pretiz mis-socjeta’ konvenuta.

Illi ghal din il-fini il-Qorti ezaminat is-sentenza illi ghaliha qeghda tirreferi s-socjeta’ konvenuta, liema sentenza inghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Mejju, 2002 fl-ismijiet George Muscat ghan-nom u fl-interess tal-kumpannija Tacsum Limited vs Mario u Pauline mizzewgin Galea u l-istess Mario Galea ghan-nom u fl-interess tal-kumpannija Wild Falcon Company Limited.

Illi f’din il-kawza l-attur nomine wara li ppremetta illi b’kitba tat-2 ta’ Novembru, 1995 redatta ghand in-Nutar Dr Bartolomeo Micallef il-kumpannija attrici ikkoncediet b’titolu ta’ lokazzjoni lill-kumpannija Wild Falcon Company Limited u lill-konvenuti konjugi Galea solidament il-lukanda li iggib l-isem Mirage, f’John Borg Street, Msida, bhala “*going concern*” bl-ghamara u ordenji hemm ezistenti ghall-perjodu ta’ 21 sena dekorribbli mid-data tal-att, versu l-kera ta’ LM11,000 fis-sena u kondizzjonijiet ohra indikati fl-istess att, fosthom illi l-konvenuti setghu wara d-dekorriment ta’ sena jitterminaw il-kirja bi pre-avviz lill-attur nomine ta’ tlett xhur;

Illi l-konvenuti fil-fatt itterminaw il-kirja u ikkonsenjaw ic-cwievet tal-istess lukanda fl-10 ta’ Mejju, 1997;

Illi mat-terminazzjoni tal-kirja kienet dovuta lill-attur nomine mill-konvenuti s-somma ta’ LM4,545 kwantu ghal LM2,650 kera ghal perjodu mit-3 ta’ Frar 1997 sat-2 ta’ Mejju 1997, LM1,175 kont tal-ilma u elettriku, LM170

hsara fit-tabelli tal-istess lukanda, LM350 prezz ta' fridge / freezer imholli danneggat u LM100 prezz ta' crokery / china misjuba nieqsa mill-istess lukanda;

Illi l-konvenuti interpellati ufficjalment permezz ta' ittra datata 12 ta' Gunju 1997 jonoraw id-debitu taghhom baqghu inadempjenti,

talab:

1. ghar-ragunijiet fuq premessi tikkundanna lill-konvenuti solidament ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' LM4,545 minnhom dovuti ghall-arretrati ta' kera, kontijiet tal-ilma u elettriku u danni kagunati fl-istess lukanda.

Bl-ispejjes kontra dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 1997 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuti ipprezentaw Nota ta' l-Eccezzjonijiet li permezz taghha eccepew :

1. Illi l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut stante li l-attur ittermina l-lokazzjoni intempestivament billi llegalment iddepriva lill-eccipjenti mill-fond lokat u zgumbra lill-istess eccipjenti mill-istess fond u sahansitra biddel is-serratura kif tigi ppruvata waqt is-smigh tal-kawza.
2. Illi l-attur jrid jipprova li s-somma minnu pretiza hija dovuta.
3. Illi fil-proprjeta' ghad hemm il-mobbli li jidhru elenkati fid-dokument B hawn anness li ghandhom valur komprensiv ta' LM5,232 u ghaldaqstant kwalunkwe ammont dovut lill-attur ghandu jigi pacut mal-valur tal-mobbli li l-attur qieghed jiddetjeni minghajr titolu. Il-konvenut qed jipprezenta kontestwalment talba rikonvezjonali f'dan is-sens.

Illi l-konvenuti ipprezentaw kontro talba li permezz taghha filwaqt li ppremettew illi l-attur ittermina l-lokazzjoni b'mod intempestivament billi illegalment iddepriva lill-konvenuti mill-fond lokat u zgumbra lill-istess konvenuti mill-istess

fond u sahansitra biddel is-serratura kif jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza;

Illi fil-proprjeta' ghad hemm il-mobbli li jappartjenu lill-konvenuti li jidhru elenkati fid-dokument B hawn anness li ghandhom valur kompressiv ta' LM5,232;

Illi l-attur interpellat b'ittra datata 2 ta' Mejju 1997 biex jirritorna dawn il-mobbli u biex issir il-kwittanza baqa' inadempjenti, talbu li din il-Qorti previa jekk ikun il-kaz dikjarazzjoni illi l-oggetti mobbli elenkati fid-dokument B jappartjenu lill-istanti;

1. Tordna lill-attur li fi zmien qasir li ghandu jigi prefiss jirritorna l-oggetti kollha mobbli li jinsabu elenkati fil-lista hawn annessa Dok B.
2. Fin-nuqqas li l-attur jirritorna dawn l-oggetti l-istess attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenuti dik is-somma li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti rappresentanti l-valur ta' dawn l-oggetti.

Bl-ispejjez kontra l-attur komprizi dawk tal-protest gudizzjarju datat 25 ta' Mejju 1997, l-attur huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Illi l-attur ipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba li fiha qal illi t-talbiet tal-konvenuti huma infondati ghaliex l-oggetti msemmija minnhom gew imhollija fil-fond lilhom lokat jew ghaliex gew imhollija in sostituzzjoni ta' ohrajn li kienu komprizi fil-lokazzjoni jew inkella ghaliex skond l-iskrittura tal-lokazzjoni l-istess oggetti kellhom jibqghu fil-fond.

Illi l-Qorti, fis-sentenza fuq imsemmija, iddecidiet il-vertenza billi laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti kollha solidament bejniethom jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef tlett mija u sebghin lira Maltin (LM 3,370) ghal kera u danni kagunati fil-fond lokat, ikkundannat lis-socjeta' konvenuta wahedha thallas lill-attur is-somma ta' elf mija hamsa u sebghin lira Maltin (LM 1175) rapprezentanti konsum ta' ilma u elettriku matul il-perjodu li l-istess hotel kien okkupat mis-socjeta'

konvenuta, u ipprovdiet fuq il-kontro talba billi iddikjarat li l-effetti mobbli kollha imsemmija fl-affidavit tal-konvenuti a fol. 99 et sequitur tal-process, hlief ghall-pompa tal-ilma, huma ta' proprjeta' tal-konvenuti u ghandhom jigu ritornati lilhom, hlief, jerga jinghad il-pompa ta' l-ilma, u ghalhekk ikkundannat lill-konvenut (sic) sabiex minnufih jirritorna l-istess oggetti lill-konvenuti. (hawn hekk "*lill-konvenut*" kellha tinqara "*lill-attur*") b'dana li l-konvenuti ghandhom, qabel xejn, a spejjez taghhom, jirripristinaw l-fond tal-attur billi fejn jkun il-kaz, jergghu jpoggu l-oggetti minnhom maqlugha u stivati u dana taht is-sorveljanza tal-AIC Godwin Abela li qed jigi mahtur ghal dan il-ghan a spejjez tal-istess konvenuti. L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontententi, hlief kif fuq provdut.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mis-sentenza esebita tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet George Muscat ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija Tacsum Limited kontra Mario u Pauline mizzewgin Galea u l-istess Mario Galea ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija Wild Falcon Company Limited, liema sentenza tinsab esebita a fol 12 sa fol. 21 tal-process, illi dik is-sentenza iddecidiet it-talba attrici, ghall-kundanna tal-konvenuti solidament sabiex ihallsu s-somma ta' erbat elef hames mija hamsa u erbghin lira (LM4,545) minnhom dovuti ghall-arretrati ta' kera, kontijiet ta' l-ilma u elettriku u danni ikkagunati fl-istess lukanda bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju, 1997 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, billi kif diga intqal, ikkundannat lill-konvenuti kollha solidament bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef tlett mija u sebghin lira Maltin (LM 3,370) ghal kera u danni kagunati fil-fond lokat, ikkundannat lis-socjeta' konvenuta wahedha thallas lill-attur nomine is-somma ta' elf mija hamsa u sebghin lira Maltin (LM 1175) rapprezentanti konsum ta' ilma u elettriku matul il-perjodu li l-istess hotel kien okkupat mis-socjeta' konvenuta.

Illi dwar il-kontro talba tal-konvenuti, l-imsemmija sentenza iddecidiet biss l-ewwel talba u cioe' fejn intalab illi l-Qorti tordna lill-attur biex fi zmien qasir li ghandu jigi

prefiss jirritorna l-oggetti kollha mobbli li jinsabu elenkati fil-lista hawn annessa Dok B, u dan billi iddikjarat illi l-effetti mobbli kollha imsemmija fl-affidavit tal-konvenut a fol. 99 et sequitur tal-process, hlief ghall-pompa tal-ilma, huma ta' proprjeta' tal-konvenuti u ghandhom jigu ritornati lilhom, hlief, jerga jinghad il-pompa ta' l-ilma, u ghalhekk ikkundannat lill-attur sabiex minnufih jirritorna l-istess oggetti lill-konvenuti b'dana li l-konvenuti kellhom qabel xejn a spejjez taghhom, jirripristinaw l-fond tal-attur nomine billi fejn jkun il-kaz, jergghu jpoggu l-oggetti minnhom maqlugha u stivati u dana taht is-sorveljanza tal-AIC Godwin Abela li gie mahtur ghal dan il-ghan a spejjez tal-istess konvenuti.  L-ispejjez fic-cirkostanzi baqghu bla taxxa bejn il-kontententi, hlief kif provdut aktar 'il fuq fis-sentenza.

Illi jirrizulta pero' illi l-Qorti ma iddecidietx it-tieni talba kontenuta fil-kontro talba tal-konvenuti u cioe' "*Illi fin-nuqqas li l-attur jirritorna dawn l-oggetti l-istess attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenuti dik is-somma li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti rapprezentanti l-valur ta' dawn l-oggetti*".

Illi jerga jinghad illi minn imkien fis-sentenza fuq imsemmija ma jirrizulta illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tat decizjoni dwar it-tieni talba kontenuta fil-kontro-talba tal-konvenuti.

Illi huwa fatt ben saput illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-gudikat jehtieg illi tkun inghatat <u>sentenza</u>, mhux sentenza dwar talba wahda biss, imma <u>sentenza dwar it-talbiet kollha</u>.

Illi li kieku il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet it-tieni talba kontenuta fil-kontro talba tal-konvenuti, allura fin-nuqqas li l-attur nomine jirritorna l-oggetti, l-istess attur nomine, illum konvenut, kien ikun gie ikkundannat mill-Prim Awla sabiex ihallas lill-konvenuti, illum atturi, somma li kellha tkun illikwidata mill-Prim Awla rapprezentanti il-valur ta' l-oggetti imsemmija.  Gara pero' illi din it-tieni talba ma gietx deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u kien ghalhekk illi l-konvenuti, illum atturi, ipprezentaw din il-

kawza. Dan gara ukoll, ovvjament, peress illi l-attur nomine, illum konvenut, ma irritornax minnufih, kif kien ikkundannat illi jaghmel, l-oggetti kollha mobbli elenkati fil-lista ipprezentata bhala Dok B fil-kawza fuq imsemmija.

Illi ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u cioe’ l-eccezzjoni tal-gudikat.

Illi pjuttost il-Qorti tara illi hawn si tratta ta’ “*ab omissa decisione*” ai termini tal-Artikolu 235 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili illi jipprovdi kif gej :

*“Meta l-Qorti ta’ l-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell ab omissa decisione :*

*Izda, kull wahda mill-partijiet tista, fi zmien hmistax il-jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta’ rikors, titlob lill-qorti ta’ l-ewwel grad li taqta dik it-talba, u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba; f’dan il-kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dak in-nhar ta’ l-ahhar decizjoni :*

*Izda, ukoll, kull wahda mill-partijiet tista, f’kull zmien li jkun, titlob quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad, bil-mezz ta’ citazzjoni, id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza.”*

Illi fil-kaz odjern japplikaw id-disposizzjonijiet tat-tieni provizo ta’ l-Artikolu 235 tal-Kap. 12, fis-sens illi una volta illi l-partijiet (f’dan il-kaz il-konvenuti) ma talbux lill-Qorti ta’ l-ewwel grad li taqta dik it-talba fi zmien hmistax il-gurnata minn dakinhar tas-sentenza permezz ta’ rikors, kull wahda mill-partijiet tista f’kull zmien li jkun titlob quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad permezz ta’ citazzjoni id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza.

Illi ghalhekk il-procedura korretta mhijiex dik addottata mill-atturi odjerni, illi ma kellhomx jipprezentaw dan l-avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati, izda kellhom, permezz ta’ citazzjoni, jitolbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, li hija il-Qorti

ta’ l-Ewwel Grad, illi taghti decizjoni dwar it-tieni talba kontenuta fil-kontro talba tal-konvenuti, illum atturi, liema talba ma gietx deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

Illi kif qalet tajjeb il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Captain Joseph Agius vs Perit Oscar Rizzo** deciza fit-28 ta’ Frar, 1959, *“Ma jinghatax appell ab ommessa decisione”.*

Illi ghalhekk, in rikapitulazzjoni, il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, dik tal-gudikat, u qeghda tiddikjara illi l-procedura addottata mill-atturi kienet wahda inkorretta skond il-ligi stante li hawn si tratta ta’ *“ab omissa decisione”*, liema kaz irid jitqajjem mill-partijiet quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad permezz ta’ citazzjoni.

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghall-Artikolu 774 tal-Kap. 12 illi jitkellem dwar meta l-Qorti ghandha *“ex officio”* tiddikjara l-inkompetenza taghha fin-nuqqas ta’ eccezzjoni ta’ inkompetenza.

Fic-cirkostanzi odjerni, effettivament japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta’ l-imsemmi artikolu 774 tal-Kap. 12 illi jipprovdi kif gej :

*“Meta, minhabba <u>x-xorta</u> jew il-valur <u>tal-haga</u> li tkun fil-kwistjoni, il-kawza ma tkunx ta’ kompetenza ta’ dik il-Qorti …….”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Illi, fil-kaz odjern, ix-xorta tal-haga li hija fil-kwistjoni mhijiex ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti.

Ghaldaqstant ghar-raginijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda *“ex officio”* tiddikjara lilha innifisha inkompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza, bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni kontra l-atturi salv lil dawn kull dritt skond il-ligi fuq dan l-incident u fil-meritu.”

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg kontendenti. L-atturi jiddeducu b’ aggravju illi l-ewwel Qorti akkordat

interpretazzjoni skorretta ta’ l-Artikolu 235 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Huma jsostnu illi l-fakolta li wiehed jipprezenta citazzjoni quddiem l-istess qorti f’ kaz ta’ “*omessa decisio*” hija fakoltativa u l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti ta’ dan id-dispost donnha tistabbilixxi kompetenza tassattiva anke fejn il-valur jew il-materja jkunu ta’ kompetenza nferjuri. Huma talbu ghalhekk ir-revoka ta’ din il-parti tas-sentenza;

Is-socjeta` konvenuta, invece, filwaqt li akkwejetat ruhha ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti fuq dan il-punt, issostni b’ aggravju, fl-appell incidentali taghha, illi l-ewwel Qorti zbaljat meta cahditilha l-eccezzjoni tar-“*res judicata*” minnha sollevata;

Minn dak appena registrat huwa ben ovvju illi tnejn huma l-kwestjonijet ta’ dritt li johorgu “*ex groemio*” tas-sentenza appellata, u cjoe, (i) in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni sollevat u affermat mill-ewwel Qorti, u (ii) ir-*res judicata*. Il-Qorti thoss li huwa opportun li l-ewwel tiddibatti l-appell incidentali. Dan ghaliex jidher car illi jekk l-aggravju kontenut fih jirrizulta fondat mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha fuq l-appell principali in kwantu necessarjament dan iwassal ghac-cahda tat-talba ta’ l-atturi;

Jixraq fl-ewwel lok li jigu stabbiliti dawn il-preliminari:-

(1) Fl-istanza prezenti l-atturi qeghdin jippretendu l-likwidazzjoni in linea ta’ danni ta’ l-oggetti proprjeta` taghhom li baqghu fil-pussess tas-socjeta` konvenuta nonostante l-kundanna mposta fuqha bis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta’ Mejju 2002 fil-kawza fl-ismijiet “George Muscat *nomine* -vs- Mario u Pauline mizzewgin Galea *et*” (Citazz. Nru. 226/98/AJM) (kopja esebita a fol. 12);

(2) F’ din l-ahhar imsemmija kawza, permezz ta’ kontro-talba l-atturi odjerni, konvenuti f’ dik il-kawza, ressqu zewg talbiet, u cjoe (i) li l-attur jigi ordnat fi zmien prefiss jirritorna l-oggetti kollha mobili dettaljati fl-

inventarju esebit u (ii) fin-nuqqas li dan isir, l-attur f' dik il-kawza jigi kundannat ihallas lill-konvenuti (atturi odjerni) s-somma likwidata rapprezentanti l-valur ta' l-oggetti reklamati;

(3) In kwantu jikkoncerna din il-kontro-talba, il-Qorti adita ddeterminat fil-parti operativa tas-sentenza taghha illi, hlief ghall-pompa ta' l-ilma, l-attur *nomine* f' dik il-kawza ghandu minnufih jirritorna l-istess oggetti lill-konvenuti, u dan wara li dawn ta' l-ahhar jirrepristinaw il-fond ghall-istat *ante quo*;

(4) Huwa evidentement distingwibbli minn dik l-istess sentenza illi Qorti Civili, Prim' Awla ma dderimietx il-kwestjoni kontenuta fit-tieni domanda tal-kontro-talba riferibilment ghal-likwidazzjoni tal-valur ta' l-oggetti. Hu proprju dan li l-atturi odjerni qed jippretendu li ghandu jsir bl-azzjoni minnhom intentata.

L-APPELL INCIDENTALI

Ghall-argomenti kontenuti fl-appell incidentali, u sottomessi fid-dibattitu orali, jirrispondu sew il-konsiderazzjonijiet zvolti fis-sentenza appellata. In bazi ghall-gurisprudenza enuncjata jibda biex jigi osservat illi "l-*exceptio judicati*" ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku u hija ta' interpretazzjoni strettissima; u f' kaz ta' dubju l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni" (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1155**);

Huwa pacifiku li l-gudikat johrog mid-dispozittiv tas-sentenza u allura sakemm ma jkunx hemm pronunzjament definittiv tal-Qorti fuq il-materja din tibqa' mhux deciza. Li jfisser illi "sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwestjoni kontroversa, u dik il-kwestjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwestjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni taghha josta l-gudikat" (**Kollez. Vol. XLII P I p 98**);

Mill-korp tas-sentenza deciza mill-Prim' Awla fit-8 ta' Mejju 2002 hu aktar minn car illi ma hi bl-ebda mod suffragata t-tezi tas-socjeta` konvenuta fis-sens illi dik il-Qorti dderimiet ukoll it-tieni domanda posta fil-kontro-talba. Indubjament din ma gietx deciza u allura ma kien hemm xejn x' josta lill-ewwel Qorti tichad l-eccezzjoni tal-gudikat una volta l-meritu dwar id-domanda in kwestjoni qatt ma giet konsiderata u deciza fis-sentenza l-ohra. Kif sewwa gie deciz f' kaz li ghandu xebh ma' dak hawn konsidrat, "l-eccezzjoni tar-*res judicata* ma tistax tigi bazata fuq is-silenzju tal-gudikant fuq talba partikolari minkejja li dik it-talba saret lill-Qorti u fil-kaz ta' dubju dwar jekk talba gietx deciza jew le, l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha tigi michuda." - "**Frans Sammut -vs- Paul Caruana**", Appell, sede Inferjuri, per Imhallef Joseph Said Pullicino, 9 ta' Mejju 1997;

Dan jadatta ruhu perfettament ghal kaz in kwestjoni. Dan ghaliex anke f' dan l-ahhar imsemmi kaz, ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet deciza fis-7 ta' April 1997 kienet laqghet it-talbiet dwar ir-responsabilita u l-kundanna ghal hlas tad-danni, imbaghad hi naqset milli tillikwida l-ammont tad-danni li kellu jhallas l-konvenut ghalkemm kienet giet proposta talba f' dan is-sens. Anke f' dan l-istess sens kienet insorgiet il-kwistjoni prospettata taht l-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12 relattiva ghall-*omessa decisione*;

In vista tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula u dawk l-ohra ragonati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata din il-Qorti ma tistax hlief tirrespingi l-eccezzjoni tar-*res judicata* u allura wkoll l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta baqat fuqha.

<u>L-APPELL PRINCIPALI</u>

Dan iwassal ghall-ezami ta' l-aggravju ta' l-atturi kontenut fl-appell principali taghhom. Kif gja manifest huma

jippuntellaw l-argoment taghha illi d-dispost tal-ligi (Artikolu 235, Kapitolu 12) jaghmilha fakoltattiva illi, f' kaz ta' *omessa decisione*, bhal ma hu kjarament il-kaz, huma jaghzlu l-forum fejn jintavolaw ic-citazzjoni taghhom. Dan l-argoment ma huwiex accettabbli ghal din il-Qorti;

L-Artikolu 235 surreferit jipprovdi testwalment dan:-

"Meta l-qorti ta' l-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell *ab omissa decisione*:

Izda, kull wahda mill-partijiet tista', fiz-zmien ta' hmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti ta' l-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba; f' dan il-kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dak in-nhar ta' l-ahhar decizjoni:

Izda, ukoll, kull wahda mill-partijiet tista', f' kull zmien li jkun, titlob quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, bil-mezz ta' citazzjoni, id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza."

Issa gja gie verifikat u stabbilit illi fil-kawza per Citazzjoni Numru 226/98 quddiem il-Prim' Awla, Qorti Civili kien hemm ommissjoni ta' decizjoni ta' wahda mit-talbiet proposti fil-kontro-talba. Meta l-Prim' Awla allura ppronunzjat is-sentenza taghha l-funzjoni gurisdizzjonali taghha spiccat u ma jistghux isiru aktar aggunti f' dik is-sentenza jekk ma tkunx saret talba appozita ghar-reintegrazzjoni tad-decizjoni minhabba ommissjoni ta' decizjoni;

Korrettement intiz, l-imsemmi artikolu tal-ligi jitlaq mill-premessa illi "*appello 'ab omissa decisione' non è ammissibile*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 813**). Isegwi illi

una volta jkun stabbilit li l-Qorti tkun ommettiet li tiddeciedi xi talba l-parti tista' tinqeda jew bir-rimedju tar-rikors fiz-zmien stabbilit ta' hmistax-il jum mis-sentenza jew permezz ta' citazzjoni f' kull zmien (**Kollez. Vol. XI P II p 1019**);

L-atturi appellanti forsi mhux minghajr raguni jilmentaw illi l-ewwel Qorti ma pprovdietx argomentazzjoni guridika approfondita l-ghala hi kienet tal-fehma illi l-kaz ta' omessa decizjoni ghandu jingieb quddiem l-istess Qorti li tkun ippronunzjat is-sentenza ghalkemm ma tkunx ezawriet wahda jew aktar mid-domandi. Din il-Qorti ser tittanta timla dan il-vojt billi tirrikorri ghal dawn ir-riflessjonijiet:-

1. Fl-ewwel lok, bl-adozzjoni ta' l-interpretazzjoni sistematika, l-Artikolu 235 in diskussjoni jircievi spjegazzjoni mill-element unitarju tad-disposizzjoni u li tikkorrispondi b' mod preciz u akkurat ghall-ghaqda tas-sinifikati emergenti mill-konsiderazzjoni tad-diversi partijiet ta' l-istess disposizzjoni.

2. Indubitament l-ommissjoni saret mill-Qorti adita u l-mezzi procedurali konsentiti - rikors jew citazzjoni - ghandhom l-iskop evidenti li l-parti tirrikorri lil dik l-istess Qorti biex din taghti decizjoni fuq il-punt ommess minnha, kif hekk jinghad mill-istess lokuzzjoni ta' l-artikolu *de quo*;

3. Ghal din il-Qorti dan jaghmel hafna sens ghaliex, kif gja espress, l-ommissjoni saret minn dik il-Qorti adita. Kieku kien xort' ohra jintilef l-iskop tal-ligi u cjoe li d-decizjoni fuq l-ommissjoni, kif inhu komprensibbli, tikkompenetra ruhha ma' dik ta' l-ewwel decizjoni u jitqiesu daqs li kienu sentenza wahda intiera. Ara **Kollez. Vol. XXXVIII P I p 213**;

4. F' kull paragrafu ta' l-Artikolu 235 hemm dejjem il-kliem illi s-sentenza tkun ta' qorti ta' l-ewwel grad u r-raguni hija illi l-ligi riedet tistabbilixxi illi f' dan il-kaz ma ghandux isir appell. Huwa dejjem prezunt illi bil-modi ndikati f' dak l-artikolu l-incident ghandu jingieb quddiem

il-Qorti li tkun halliet barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti. *Vide* **Kollez. Vol. XXXI P I p 659**;

5. Dan tant hu hekk li jinsab deciz ukoll illi meta huwa l-kaz ta' omessa decizjoni f' sentenza l-Imhallef li jista', u ghandu, jaghti s-sentenza li giet ommessa hu l-istess wiehed li qata' l-kawza fejn dik id-decizjoni giet ommessa. Ghalhekk, issokta jinghad, illi dan ma jistax jigi rikuzat meta ssir it-talba ghad-decizjoni li giet ommessa. Ara **Kollez. Vol. XXXI P I p 600**;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet ma jidherx li hu l-kaz li din il-Qorti tiddissenti mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddikjara li qed tichad kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Kull parti tbati l-ispejjez gudizzjarji ta' l-appell introdott minnha. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------